ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 32** **IT-TLIETA 1 TA' LULJU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (attenda fis-7.20pm), Ralph Puli (attenda fis-7.30pm), Bjorn Azzopardi, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia, Robert Reno Cremona u Sean Meli flimkien mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Dylan Falzon.

Is-S.E. informa li l-kunsilliera Jason Busuttil u Margaret Mercieca kienu infurmawh bil-miktub li ma kienux ser jattendu ghal din il-laqgha minhabba impenji ohra. Il-Kunsillier Charles Farrugia ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-ragunijiet bħala validi u għalhekk il-Kunsilliera Charles Farrugia, Jason Busuttil u Margaret Mercieca ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**32/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 31**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 31 li nżammet nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (06) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 31 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**32/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**32/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Ministru tal-Infrastruttura u t-Trasport bagħat għaliha sabiex flimkien ma' uffiċjali ta' Transport Malta iddiskuta x-xogħlijiet li bdew fil-jiem preċedenti fil-junction ta' Triq Manwel Dimech ma' Triq l-Imdina. Is-Sindku sostniet li hija uriet id-dizapprovazzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat dwar dawn ix-xogħlijiet u anke dwar il-fatt li l-Kunsill jinsab ippreokupat li l-għeluq ta' Triq l-Imdina (via Marsa) se tkompli tkabbar it-traffiku fi Triq Manwel Dimech. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet li fil-laqgħa hija sostniet li huwa imperattiv li jsir xogħol ta' miljorament fir-roundabout ta' Triq Manwel Dimech (fejn l-monument tal-GM Pinto). Is-Sindku kompliet tinforma lill-Kunsill li fil-laqgħa intqal li fis-sena 2011 il-Kunsill kien ġie avviċinat minn Transport Malta dwar proposta simili, iżda dak iż-żmien il-Kunsill sostna li dik hija triq arterjali u ħalla f'idejn Transport Malta. Transport Malta sostnew li dan ix-xogħol sar sabiex inaqqas in-numru kbir ta' aċċidenti f'din il-junction, fejn hija prijorita' assoluta tal-Ministeru li t-toroq arterjali ikunu *safe* kemm jista' jkun. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** għalqet billi semmiet li TM se jkunu qed jistudjaw is-sitwazzjoni u anke se jevalwaw il-proposta tal-Kunsill biex ir-roundabout ta' Pinto jsirilha xogħol ta' miljorament biex t-traffiku jimxi aħjar. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** sostna li fl-opinjoni tieghu ma kenitx soluzzjoni li tingħalaq triq daqshekk importanti u kellhom jiġu studjati alternattivi oħrajn.

**32/02/03** **Il-Kunsillier Jesmond Aquilina attenda għal-laqgħa fis-7.20pm**

**32/02/04** **Il-Kunsillier Ralph Puli attenda għal-laqgħa fis-7.30pm filwaqt li l-Kunsillier Sean Meli talab li jkun skużat.**

**32/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera biex joqogħdu attenti ta' x'jiktbu fil-*facebook* partikolarment fejn jissemma' l-Kunsill. Is-Sindku irreferiet ukoll għall-fatt li kien hemm kritika dwar il-fuljett tal-Kunsill *id-Dielja* fejn intqal li kien hemm żbilanċ fil-materjal pprodott. Hawnhekk inqrat ittra mibgħuta konġuntament minn ħames għaqdiet relatati mal-festa ta' San Sebastjan, fejn urew id-diżappunt tagħhom li fl-aħħar ħarġa *tad-Dielja* ma kienx fiha materjal relatat mal-festa ta' San Sebastjan jew mal-attivitajiet li jsiru minnhom. Is-Sindku Rosianne Cutajar spjegat li din il-ħarġa ħarġet aktar tard mis-soltu, u ħabtet mal-festa ta' San Ġorġ. Hija kompliet li l-materjal *f'Id-Dielja* ġie ppubblikat wara li intbagħat mill-għaqdiet fuq inizjattiva tagħhom u peress li kien fadal spazju dan ġie inkluż. Ma kienx hemm materjal li

intbagħat mill-għaqdiet li ffirmaw l-ittra msemmija hawn fuq li ġie eskluż. Wara diskussjoni dwar din il-materja, fuq proposta tal-**Kunsillier Ralph Puli** sar qbil li s-Sindku għandha tifforma Bord Editorjali ta' dan il-fuljett. Intant, il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb għall-ittra msemmija hawn fuq. **DOK 'A'**

**32/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fil-Ġnien ta' Triq Alexandra se jibda fil-ġranet li ġejjin bil-qlugħ tas-siġar li se jiġu ripjantati fi Triq l-Imdina wara li nkisbu l-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA.

**32/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li fuq inizjattiva mis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Dizabilita' u l-Anzjani, l-lokalita' ta' Ħal Qormi ġie magħżul flimkien ma' xi lokalitajiet oħrajn, sabiex jibda proġett pilota b'servizz ta' social worker darba fil-ġimgħa. Fil-fatt is-Sindku spjegat li s-social worker se jibda jkun fil-bini tal-Kunsill u fis-sala parrokjali San Ġorġ jalterna bejn iż-żewġ postijiet kull nhar ta' Tnejn.

**32/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm bosta ilmenti dwar il-gwardjani lokali f'Ħal Qormi peress li dawn xi kultant ma' jurux sens komun u jħarrku kull fejn jidhrilhom li hemm ksur ta' liġi anke f'postijiet li ma jkunx qed jinħolqu ostakoli. Is-Sindku Rosianne Cutajar ipproponiet sabiex il-Kunsill jitlob lir-Reġjun Nofsinhar, sabiex fis-siegħa ta' filghodu, jiġifieri bejn is-7am u t-8am, il-gwardjani lokali jkunu stazzjonati fit-toroq arterjali peress li jkun hemm ħafna traffiku minflok fit-toroq residenzjali. Il-Kunsill approva *nem.con*. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** sostna li għandha tinġibed l-attenzjoni ukoll dwar bżonn ta' infurzar fiż-żona tal-Blat 2 u fi Triq il-Belt Valletta u Triq Pawlu Farrugia.

## 32/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' ĠUNJU 2014

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ġunju 2014
**b)** *Bank Payments* Ġunju 2014.
**c)** *Petty Cash* Ġunju 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Ivvutaw Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 32/04 MOZZJONIJIET

### 32/04/01 MOZZJONI – 107-2014(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 107-2014:

*Wara li l-investiment li l-Kunsill Lokali għamel fil-pjazza quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas kif ukoll fil-picnic area f'Wied is-Sewda, nipproponi biex il-Kunsill Lokali*

*a) jitlob id-devoluzzjoni tal- Pjazza quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas,*
*b) jabbozza bye-laws sabiex jirregola l-amministrazzjoni u l-uzu tal-istes pjazza u tal-picnic area f'Wied is-Sewda*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 107-2014(VI). Għaldaqstant il-Kunsill għandu jibda l-proċedura biex tintalab id-devoluzzjoni tal-pjazza f'Tal-Ħlas, u jsiru l-bye-laws msemmija hawn fuq fil-mozzjoni.

## 32/05 RAPPORTI

### 32/05/01 RAPPORT: BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI : POLZA TAL-ASSIKURAZZJONI

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex iressaq ir-rapport tal-Bord tal-Għazla, (**DOK 'C'**) li jikkonsisti f'dan:

*"Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2014, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgha, 30 ta' Mejju 2014 f'nofsinhar.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fit-30 ta' Mejju 2014, mis-Segretarju Eżekuttiv Kennet Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Ralph Puli u Jason Busuttil, fil-prezenza wkoll ta' membru tal-pubbliku. Dan il-ftuh kien streamed online live fuq il-websajt tal-Kunsill*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva offerta (1) wahda biss*

*1. Island Insurance Brokers € 1,632.26*

*Il-Bord kien kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, l-Kunsilliera Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Jerome Caruana Cilia, Sean Meli u Antoine Saliba Haig.*

*Il-Bord qabel li peress li kien hemm offerta waħda u li din l-offerta kienet ferm orħos mill-kuntratt ezistenti, u peress li din l-offerta hija administrative u technical compliant,*

*il-Bord issuggerixxa li jmexxi bl-offerta u jagħti l-kuntratt lill-Island Insurance Brokers.*

*Il-Bord innota li fid-dokument tal-offerta, il-Kunsill naqas milli jitlob stima għall-polza ta' Breakdown Machinery u għaldaqstant irrakkomanda biex il-Kunsill jitlob stima u tizdied mal-polza.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ipproponiet sabiex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-Aġġudikazzjoni u l-kuntratt jingħata lill-Island Insurance Brokers.**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Ivvutaw Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni t'hawn u għaldaqstant għandu jinforma lill-offerenti bid-deċizjoni u tinħareġ l-ittra ta' aċċettazzjoni wara l-perjodu tal-appell.

**32/05/02 RAPPORT MILL-BORD TAL-GĦAZLA TA' IMPJIEG TA' EXECUTIVE OFFICER**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ipprezenta r-Rapport mill-Bord tal-Għażla ta' Impjieg għall-ħatra ta' Executive Officer

**DOK 'D'**

Wara li l-Kunsill iddiskuta r-Rapport tal-Bord tal-Għazla, is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni biex "il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħzel li jimpjega lil Noel Pace bħala

*Executive Officer (Skala 13 – Back to Back Fulltime*) peress li mill-proċess tal-Għazla, is-Sur Pace wera li huwa kandidat addattat għal din il-pożizzjoni wara li għadda mill-intervista kif ukoll minn testijiet li saru mill-Bord tal-għażla. Is-Sur Pace kien l-uniku kandidat li għadda b'suċċess mill-evalwazzjoni tal-Bord tal-Għazla.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni t'hawn u għaldaqstant għandu jinforma lill-kandidati bir-rizultat tal-evalwazzjoni mill-Bord tal-Għazla, kif ukoll li jinfurma lis-Sur Noel Pace dwar l-għazla tieghu halli jiffirma l-kuntratt u jiġu infurmati l-ETC.

**32/05/03 RAPPORT GREENPAK**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq rapport minn GreenPak dwar il-performance tal-Kunsill fil-ġbir ta' skart riċiklat mill-lokalta'. Ir-rizultati huma pjuttost pozittivi meta mqabbla ma' lokalitajiet oħrajn tal-istess kobor tal-lokalita' tagħna.

**DOK 'E'**

Il-Kunsill għandu jfakkar lill-GreenPak dwar il-kampanja edukattiva li kellha tibda fil-lokalita'.

**32/06 KORRISPONDENZA**

**32/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-6'**

1. Dwar ittra mill-Banda Anici dwar talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtraw strumenti skont il-kuntratt. Il-Kunsill approva *nem.con*.

2. Petizzjoni minn residenti ta' Triq Ħ'Attard sabiex isiru *road humps* f'din it-triq peress li minn mindu sar ix-xogħol tal-Heritage Trail u ingħata wiċċ ġdid lil din it-trejqa qed jkun hemm sewqan eċċessiv meta t-triq hija waħda dejqa. Il-Kunsill approva nem.con.

3. Disinn mill-perit tal-Kunsill dwar il-pedestrian crossing fi Triq San Sebastjan u dwar l-junction ma' Triq il-Kbira/ Triq l-20 ta' Jannar. Il-Kunsill ma qabilx li ssir centre strip kif ippropona l-perit peress li se jintilfuq parking bays u għaliex m'hemmx post fejn tipi rilokata l-Bus Stop. Il-Kunsill ma qabilx lanqas mal-post ppropost

biex issir il-pedestrian crossing peress li din tgħaddi mill-pompa tal-petrol. Il-Kunsill għandu jerġa jitlob lill-perit isib soluzzjonijiet alternattivi.

4. Ittra mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan dwar l-attivita' li se jagħmlu bħala parti mill-kuntratt. Il-Kunsill approva nem.con.

5. PA 265/08 – Il-Kunsill ġie infurmat li se jinstema' l-appell dwar din l-applikazzjoni li tirrigwardja Razzett tal-fniek f'Tal-Ħandaq. Preċedentament il-Kunsill kien diġa oġġezzjona u se jżomm il-pożizzjoni tiegħu biex dan l-appell ma jintlaqax peress li dan ir-razzett joħloq inkonvenjenzi kbar lir-residenti kif diġa ġie muri minn rapport tekniku li l-Kunsill kien ressaq lill-MEPA ftit tas-snin ilu.

**32/07 INFORMAZZJONI**

**32/07/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bzonn li ssir manutenzjoni tal-istatwi li fuqhom kien sar ir-restawr ftit tas-snin ilu, fosthom dik ta' San Ġorġ, San Sebastjan u ta' San Pawl. Huwa semma wkoll li x-xogħol li sar fuq l-istatwa ta' San Ġuzepp jidher li għad jonqos jirfina ruħu.

**32/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li l-picnic area teħtieġ li jkollha ilqugħ peress li tinsab perikoluza għat-tfal. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel sinjali ta' twissija.

**32/07/03** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kumitat Festi Esterni ikkunttatjawh peress li qed jibżgħu li ladarba jsir ir-restawr tal-Kappella ta' San Franġisk mhux se jkun aktar permessibbli li jtellgħu lil San Ġorġ mal-arblu. Il-Kunsill sostna li s'issa l-Kunsill għadu kemm applika kemm għall-fondi kif ukoll għall-permess tal-MEPA u għadu prematur ħafna. Il-Kunsill se jkun qed jistenna l-permess tal-MEPA u jimxi minn hemm izda li żgur il-Kunsill mhux se jkun qed jaqbel li titwaqqaf tradizzjoni daqshekk importanti.

**32/07/04** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li l-picnic area teħtieġ li jkollha ilqugħ peress li tinsab perikoluza għat-tfal. Il-Kunsill se jkun qed jagħmel sinjali ta' twissija.

**32/07/05** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar f'liema stadju waslu deċizjonijiet li ħa l-Kunsill, fosthom :-

*One Way* ta' Triq Pietru Felice- Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li one-way jkun meħtieġ li ssir konsultazzjoni mar-residenti u f'dan ir-rigward qed jinġabru l-firem mir-residenti stess.

*Junction Shopwise Area* – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din ġiet approvata minn Transport Malta u li x-xogħlijiet għandhom isiru fil-ġranet li ġejjin.

*One-Wa*y fi Triq il-Belt Valletta – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din għad jonqos li ssir konsultazzjoni mar-residenti u fakkar li qabel ma jitlesta x-xogħol fil-wied din ma tistax issir.

**32/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 5 ta' Awwissu 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.